# IL-KNISJA PARROKJALI TA' ĦAL-GĦARGĦUR



Jekk il-Knisja parrokjali tagħna għandha xi ħaġa li tiġbdek meta tħares lejha minn barra hi ċertament is-simetrija jew il-qisien perfetti tagħha.

Meta ġie l-ewwel Kappilan Dun Ġwann Battista Chetcuti fl-1610, dan mil-ewwel ħaseb biex jibni Knisja Parrokjali akbar. L-ewwel snin tas-seklu sbatax (1600 sa 1699). Kienu snin ta' prosperita' għall-gżejjer Maltin. Kien hawn ħafna xogħol tal-bini u b'hekk Malta bdiet tieħu r-ruħ wara snin ta' għaks li kienu jew wara l-Assedju l-kbir. Mhux biss iżda l-ideat ġodda fl-istruttura tal-bini li daħlu f'Malta biddlu l-istil tradizzjonali. Il-Knejjes li bdew jinbnew dawn iż-żminijiet bdew jinbnew għamla ta' salib u mhux forma rettangolari. Dawn iċ-cirkustanzi għamlu kuraġġ lill-ewwel kapillan tar-raħal biex jagħti bidu għal-bini tal-Knisja.

Tumas Dingli ġie magħżul biex jagħmel il-pjanta tal-Knisja għalkemm dan kien għad għandu dsatax il-sena. Twieled f'H'Attard fit-22 ta' Diċembru, 1591 iben Ġakbu u Katerina Dingli u trawwem sewwa fis-sena tal-bini billi Missieru kien skultur jew mgħallem tal-lavur. Kienet waħda mill-ewwel xogħolijiet tiegħu u għalhekk kien għadu ma' ħax il-fama li kiseb wara bħala arkitett ta' ħafna knejjes u bini ieħor. Il-knisja tagħna kienet l-ewwel waħda flimkien ma' dik ta' Ħaż-Żebbuġ li nbnew f'għamla ta' salib. Il-Knisja ħadet sitta u għoxrin sena biex tinbena. Il-Kappilan Dun Ġwann Battista Chetcuti mhux biss ra lesta iżda wkoll għamillha dak kollu meħtieġ għas-sevizz liturġiku sa ma' miet fl-1666 fl-istess sena li miet l-Arkittet Dingli

Il-faċċata tal-Knisja tagħna mhix l-oriġinali li bena l-arkittet Dingli iżda ġiet mibnija mill-pedament fuq still Barokk fl-1743. Il-faċċata kienet x'akarx tixbah dik tal-Knisja l-Qadima ta' B'Kara jew dik ta' H'Attard. Iżda fi żmien il-Kappilan Għargħawri Dun Salvatore Zarb u wara l-Knisja kienet ikknsagrata mill-Isqof Paolo Alferan de Bussan fl-1736, inbniet faċċata ġdida biex il-Knisja jkollha żewġ kampnari fejn jitpoġġew il-qniepen. Għalkemm ma nafux min kien l-arkitett tal-faċċata, din inbniet bl-akbar attenzjoni biex tkun taqbel ma' l-istruttura tal-Knisja. Il-faċċata żżejnet bi skultura barokka u b'figura kbira ta' san Bartilmew f'alto riliev. Iż-żewġ statwi dik ta' San Pietru u dik ta' San Pawl ġew skolpiti mill-Kappllan Dun Bartilmew Ellul, li kien imexxi l-Parroċċa mill-1791 sa 1808. L-arloġġ sar f'1756 u ħallas għalih il-kjeriku Giovanni Domenico Portelli. Hu x'aktarx xogħol ta' l-arluġarr Gian Anton Tanti minn Bormla. Il-faċċata fiha ħafna xogħol tal-Lavur u statwa ta' Ġesu' fuq il-bieb.

Il-Knisja ġiet ukoll indawwwra b'erba statwi ta' l-Evanġelisti. Dawn huma x'aktarx xogħol ta' Vincenzo Dimech billi f'arkivji tal-Knisja hemm riċevuta li semmi lil Mastro Vincenzo. Iżda l-istatwa ta' San Ġwann li kienet tfarrket ġiet mibdula ma' oħra ta' Marco Montebello reċentement.

Aħna l-Għargħurin għandna nkunu grati lejn dawk kollha li maż-żmien għamlu xi xogħol fil-Knisja parrokkjali tagħna.

Julian Bezzina.